MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 608/2012

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tieni (2) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u sebghin (1976) u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat 'Dokument GC 1';

Illi min dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, HInee B u J B, llum it-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt minn Nutar Dottor Myriam Spiteri Debono mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan skond l-

istess kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat "Dokument GC 2";

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom kwazi erba' snin mifrudin legalment, huma kienu ilhom ma jghixux ta' mizzewgin gal aktar minn erbgha (4) snin. Illi apparti dan il-partijiet illum ghandhom rabtiet ma' persuni ohra f'hajjithom u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Illi l-manteniment a favur il-mara huwa regolat bir-raba (4) artikolu tal-istess kuntratt u ma hemm l-ebda arretrati dovuti mir-ragel lill-mara;

Illi manteniment ghat-tfal ma hemmx peress illi llum huma maggorenni;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-tieni (2) ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija u sitta u sebghin (1976);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Rat illi l-intimata ipprezentat nota fit-18 ta' Jannar 2013 li perezz taghha iddikjarat illi ma topponix ghat-talba attrici ghal divorzju u ikkonfermat il-kontenut tal-premessi tar-rikors tar-rikorrenti bhala veritieri;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi dikjarat u dana peress illi ipprova illi l-partiijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Mejju, 2009 u ilhom ma jghixu bhala mizzewgin ghal aktar minn erba’ (4) snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll illi it-tfal illi twieldu minn dan iz-zwieg illum il-gurnata huma maggorenni u illi huwa dejjem hallas regolament il-manteniment dovut minnu lill-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tiddikjara il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------